

Linji Gwida



Linji Gwida 06/2020 dwar l-interazzjoni tat-Tieni Direttiva dwar is-Servizzi ta' Flus u l-GDPR

Verżjoni 2.0

Adottati fil-15 ta' Diċembru 2020

Translations proofread by EDPB Members.
This language version has not yet been proofread.

Storja tal-verżjonijiet

Verżjoni 2.0	15.12.2020	Adozzjoni tal-Linji Gwida wara konsultazzjoni pubblika
Verżjoni 1.0	17.07.2020	Adozzjoni tal-Linji Gwida għal konsultazzjoni pubblika

Werrej

1. Introduction.....	5
1.1 Definitions	6
1.2 Services under the PSD2.....	7
2 Lawful grounds and further processing under the PSD2	10
2.1 Lawful grounds for processing	10
2.2 Article 6(1)(b) of the GDPR (processing is necessary for the performance of a contract)....	10
2.3 Fraud prevention	12
2.4 Further processing (AISP and PISP)	12
2.5 Lawful ground for granting access to the Account (ASPSPs).....	13
3 Explicit Consent	14
3.1 Consent under the GDPR.....	14
3.2 Consent under the PSD2	14
3.2.1 Explicit consent under Article 94 (2) PSD2	15
3.3 Conclusion	16
4 The processing of silent party data	18
4.1 Silent party data	18
4.2 The legitimate interest of the controller.....	18
4.3 Further processing of personal data of the silent party.....	18
5 The processing of special categories of personal data under the PSD2	20
5.1 Special categories of personal data.....	20
5.2 Possible derogations	21
5.3 Substantial public interest.....	21
5.4 Explicit consent.....	21
5.5 No suitable derogation.....	22
6 Data minimisation, security, transparency, accountability and profiling	23
6.1 Data minimisation and data protection by design and default	23
6.2 Data minimisation measures.....	23
6.3 Security.....	25
6.4 Transparency and accountability	25
6.5 Profiling	27

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 70(1)(e) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (minn hawn 'il quddiem il-“GDPR”),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018¹,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

Billi:

(1) ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data jipprevedi sett konsistenti ta' regoli għall-ipproċessar ta' *data* personali madwar l-UE.

(2) It-tieni Direttiva dwar is-Servizzi ta' Ħlas (id-Direttiva 2015/2366/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2015, minn hawn 'il quddiem “PSD2”) tħassar id-Direttiva 2007/64/KE u tipprovdi regoli ġodda biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-konsumaturi, in-negozjanti u l-kumpaniji fil-katina tal-pagamenti u l-immodernizzar tal-qafas ġuridiku tas-suq għas-servizzi ta' pagament². L-Istati Membri kellhom jittrasponu l-PSD2 fil-liġi nazzjonali tagħhom qabel it-13 ta' Jannar 2018.

(3) Karatteristika importanti tal-PSD2 hija l-introduzzjoni ta' qafas ġuridiku għal servizzi ġodda ta' bidu ta' pagament u għal servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet. Il-PSD2 tippermetti lil dawn il-fornituri ġodda ta' servizzi ta' pagament jiksbu aċċess għall-kontijiet ta' pagament tas-suġġetti tad-*data* għall-finijiet tal-forniment tas-servizzi msemmija.

(4) Fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data*, f'konformità mal-Artikolu 94(1) tal-PSD2, kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali, inkluż l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ipproċessar, għall-finijiet tal-PSD2, għandu jitwettaq f'konformità mal-GDPR³ u mar-Regolament (UE) Nru 2018/1725.

(5) Il-Premessa 89 tal-PSD2 tgħid li meta d-*data* personali tiġi pproċessata għall-finijiet tal-PSD2, għandu jiġi speċifikat l-iskop preċiż tal-ipproċessar, għandha tissemma l-bażi ġuridika applikabbli, ir-rekwiżiti ta' sigurtà rilevanti stabbiliti fil-GDPR iridu jiġu implimentati, u l-prinċipji tan-neċessità, il-proporzjonalità, il-limitazzjoni tal-iskop u l-perjodi proporzjonati taż-żamma tad-*data* jiġu rispettati. Il-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u l-protezzjoni tad-*data* b'mod prestabbilit għandhom ukoll ikunu parti integrali fis-sistemi kollha tal-ipproċessar tad-*data* żviluppata u użata fil-qafas tal-PSD2⁴.

(6) Il-Premessa 93 tal-PSD2 tgħid li l-fornituri ta' servizzi ta' bidu ta' pagament u l-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet fuq naħa waħda u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jisservizzja l-kont fuq l-oħra, għandhom josservaw ir-rekwiżiti meħtieġa tal-protezzjoni tad-*data* u tas-sigurtà

¹ Ir-referenzi għal “Stati Membri” li saru f'dan id-dokument għandhom jinftiehemu bħala referenzi għall-“Istati Membri taż-ŻEE”.

² Il-Premessa 6 tal-PSD2

³ Peress li l-PSD2 tippreċedi l-GDPR, għadha tirreferi għad-Direttiva 95/46. L-Artikolu 94 tal-GDPR jgħid li r-referenzi għad-Direttiva 95/46 imħassra għandhom jinftiehemu bħala referenzi għall-GDPR.

⁴ Il-Premessa 89 tal-PSD2

stabbiliti b'din id-Direttiva jew li ssir referenza għalihom, jew li huma inklużi fl-istandards tekniċi regolatorji.

ADOTTA L-LINJI GWIDA LI ĠEJJIN

1. INTRODUZZJONI

1. It-tieni Direttiva dwar is-Servizzi ta' Ħlas (minn hawn 'il quddiem "PSD2") introduċiet għadd ta' novitajiet fil-qasam tas-servizzi ta' pagament. Filwaqt li toħloq opportunitajiet għodda għall-konsumaturi u ssaħħaħ it-trasparenza f'dan il-qasam, l-applikazzjoni tal-PSD2 tqajjem ċerti mistoqsijiet u tħassib fir-rigward tal-ħtieġa li s-suġġetti tad-*data* jibqgħu fil-kontroll sħiħ tad-*data* personali tagħhom. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (minn hawn 'il quddiem "GDPR") japplika għall-ipproċessar ta' *data* personali inklużi attivitajiet ta' pproċessar imwettqa fil-kuntest ta' servizzi ta' pagament kif definit mill-PSD2⁵. Għalhekk, il-kontrolluri li jaġixxu fil-qasam kopert mill-PSD2 iridu dejjem jiżguraw konformità mar-rekwiżiti tal-GDPR, inklużi l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-GDPR, kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika⁶. Filwaqt li l-PSD2⁷ u l-Istandards Tekniċi Regolatorji għal awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur u standards miftuħa ta' komunikazzjoni li jkunu komuni u sikuri (minn hawn 'il quddiem "RTS"⁸) fihom ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-protezzjoni u mas-sigurtà tad-*data*, irriżultat inċertezza dwar l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll l-interazzjoni bejn il-qafas ġenerali għall-protezzjoni tad-*data* u l-PSD2.
2. Fil-5 ta' Lulju 2018, l-EDPB ħareġ ittra dwar il-PSD2, li fiha l-EDPB ipprova kjarifiki dwar mistoqsijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni ta' *data* personali fir-rigward tal-PSD2, b'mod partikolari dwar l-ipproċessar ta' *data* personali ta' partijiet mhux kontraenti (l-hekk imsejja "*data* ta' parti siekta") skont il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet (minn hawn 'il quddiem "AISPs") u l-fornituri ta' servizzi ta' bidu ta' pagament (minn hawn 'il quddiem "PISPs"), il-proċeduri fir-rigward tal-għoti u l-irtirar tal-kunsens, l-RTS u l-kooperazzjoni bejn il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jġestixxu l-kont (minn hawn 'il quddiem "ASPSPs") b'rabta ma' miżuri ta' sigurtà. Filwaqt li l-ħidma preparatorja ta' dawn il-linji gwida kienet tinvolvi l-ġbir ta' inputs mill-partijiet ikkonċernati, kemm bil-miktub kif ukoll f'avveniment mal-partijiet ikkonċernati, sabiex jiġu identifikati l-aktar sfidi urġenti.
3. Dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jipprovdu gwida ulterjuri dwar l-aspetti tal-protezzjoni tad-*data* fil-kuntest tal-PSD2, b'mod partikolari dwar ir-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-GDPR u l-PSD2. L-enfasi ewlenija ta' dawn il-linji gwida hija fuq l-ipproċessar ta' *data* personali mill-AISPs u l-PISPs. Bħala tali, dan id-dokument jindirizza l-kundizzjonijiet għall-għoti ta'

⁵ L-Artikolu 1(1) tal-GDPR

⁶ Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika); ĠU L 201, 31/07/2002 P. 0037 - 0047

⁷ L-Artikolu 94 tal-PSD eċċ.

⁸ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/389 tas-27 ta' Novembru 2017 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur u standards miftuħa ta' komunikazzjoni li jkunu komuni u sikuri (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.); C/2017/7782; ĠU L 69, 13.3.2018, p. 23-43; disponibbli fuq <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32018R0389&from=EN>

aċċess għal informazzjoni dwar il-kontijiet ta' pagament mill-ASPSPs u għall-ipproċessar ta' *data* personali mill-PISPs u l-AISPs, inklużi r-rekwiżiti u s-salvagwardji fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-PISPs u l-AISPs għal skopijiet differenti mill-iskopijiet inizjali li għalihom inġabret id-*data*, speċjalment meta dawn ikunu nġabru fil-kuntest tal-forniment ta' servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet⁹. Dan id-dokument jindirizza wkoll kunċetti differenti ta' kunsens espliċitu skont il-PSD2 u l-GDPR, l-ipproċessar ta' "*data ta' parti siekta*", l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali mill-PISPs u l-AISPs, l-applikazzjoni tal-prinċipji ewlenin tal-protezzjoni tad-*data* stabbiliti mill-GDPR, inkluż il-minimizzazzjoni tad-*data*, it-trasparenza, il-miżuri ta' responsabbiltà u sigurtà. Il-PSD2 tinvolvi, fost l-oħrajn, responsabbiltajiet transfunzjonali fl-oqsma tal-protezzjoni tal-konsumatur u tal-liġi tal-kompetizzjoni. Kunsiderazzjonijiet rigward dawn l-oqsma tal-liġi huma lil hinn mill-ambitu ta' dawn il-linji gwida.

4. Sabiex jiġi ffaċilitat il-qari tal-linji gwida, id-definizzjonijiet ewlenin użati f'dan id-dokument huma pprovduti hawn taħt.

1.1 Definizzjonijiet

"Fornitur ta' Servizz ta' Informazzjoni dwar il-Kontijiet" (*Account Information Service Provider - "AISP"*) tirreferi għall-fornitur ta' servizz online li jipprovdi informazzjoni konsolidata dwar kont ta' pagament wieħed jew aktar li jkollu l-utent ta' servizzi ta' pagamenti ma' fornitur ieħor ta' servizzi ta' pagamenti jew ma' aktar minn fornitur wieħed ta' servizzi ta' pagamenti;

"Fornitur ta' Servizzi ta' Pagament li Jġestixxi l-Kont" (*Account Servicing Payment Service Provider - "ASPSP"*) tirreferi għal fornitur ta' servizzi ta' pagamenti li jipprovdi u jmantni kont ta' pagament għal pagatur;

*"Minimizzazzjoni tad-*data*"* huwa prinċipju tal-protezzjoni tad-*data*, li skontu d-*data* personali għandha tkun adegwata, rilevanti u limitata għal dak li huwa meħtieġ fir-rigward tal-iskopijiet li għalihom tiġi pproċessata;

"Pagatur" tirreferi għal persuna fiżika jew ġuridika li għandha kont tal-pagament u tippermetti ordni ta' pagament minn dak il-kont tal-pagament, jew, fejn ma jkunx hemm kont tal-pagament, persuna fiżika jew ġuridika li tordna l-pagament;

"Benefiċjarju" tirreferi għal persuna fiżika jew ġuridika li tkun ir-riċevitur intenzjonat ta' fondi li kienu s-suġġett ta' tranżazzjoni ta' pagament;

"Kont ta' pagament" tfisser kont miżmum f'isem utent wieħed jew aktar tas-servizz ta' pagament li jintuża għall-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament;

"Fornitur ta' Servizzi ta' Bidu ta' Pagament" (*Payment Initiation Service Provider - "PISP"*) tirreferi għall-fornitur ta' servizz biex jibda ordni ta' pagament fuq talba tal-utent ta' servizz ta' pagamenti fir-rigward ta' kont ta' pagament miżmum għand fornitur ta' servizz ta' pagamenti ieħor;

"Fornitur ta' servizzi ta' pagament" tirreferi għal korp imsemmi fl-Artikolu 1(1) tal-PSD2¹⁰ jew persuna fiżika jew ġuridika li tibbenefika minn eżenzjoni skont l-Artikolu 32 jew 33 tal-PSD2;

⁹ Servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet tfisser servizz online li jipprovdi informazzjoni konsolidata dwar kont ta' pagament wieħed jew aktar li jkollu l-utent ta' servizzi ta' pagamenti ma' fornitur ieħor ta' servizzi ta' pagamenti jew ma' aktar minn fornitur wieħed ta' servizzi ta' pagamenti.

¹⁰ L-Artikolu 1(1) tal-PSD2 jgħid li l-PSD2 tistabbilixxi r-regoli li f'konformità magħhom l-Istati Membri għandhom jiddistingwu bejn il-kategoriji li ġejjin ta' *fornituri ta' servizzi ta' pagamenti*:

“Utent ta’ servizzi ta’ pagamenti” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tagħmel użu minn servizz ta’ pagamenti fil-kapaċità ta’ pagatur, ta’ beneficijarju, jew tat-tnejn;

“Data personali” tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma’ persuna fiżika identifikata jew identifikabbli (“suġġett tad-data”); persuna fiżika identifikabbli hija persuna li tista’ tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b’mod partikolari b’referenza għal identifikatur bħal isem, numru ta’ identifikazzjoni, data ta’ lokalizzazzjoni, identifikatur online jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta’ dik il-persuna fiżika;

“Protezzjoni tad-data mid-disinn” tirreferi għal miżuri tekniċi u organizzattivi inkorporati fi prodott jew servizz, li huma mfassla biex jimplementaw il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data, b’mod effettiv u jintegraw is-salvagwardji meħtieġa fl-ipproċessar sabiex jiġu integrati r-rekwiżiti tal-GDPR u jipproteġu d-drittijiet tas-suġġetti tad-data;

“Protezzjoni tad-data b’mod prestabbilit” tirreferi għal miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa implimentati fi prodott jew servizz li jiżguraw li, b’mod prestabbilit, tiġi pproċessata biss data personali li tkun meħtieġa għal kull għan speċifiku tal-ipproċessar;

“RTS” tirreferi għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/389 tas-27 ta’ Novembru 2017 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta’ standards tekniċi regolatorji għall-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur u standards miftuħa ta’ komunikazzjoni li jkunu komuni u sikuri;

“Fornituri Terzi” (“TPP”) tirreferi kemm għall-PISPs kif ukoll għall-AISPs.

1.2 Servizzi fl-ambitu tal-PSD2

5. Il-PSD2 tintroduċi żewġ tipi ġodda ta’ (fornituri ta’) servizzi ta’ pagamenti: PISPs u AISPs. L-Anness 1 tal-PSD2 fih it-tmien servizzi ta’ pagamenti li huma koperti mill-PSD2.
6. Il-PISPs jipprovdu servizzi biex jinbdew ordnijiet ta’ pagamenti fuq talba tal-utent ta’ servizz ta’ pagament fir-rigward ta’ kont ta’ pagament ta’ utent miżmum għand fornitur ieħor ta’ servizz ta’ pagamenti¹¹. PISP jista’ jitlob lil ASPSP (normalment bank) biex jibda tranżazzjoni f’isem l-utent ta’ servizz ta’ pagamenti. L-utent (ta’ servizz ta’ pagamenti) jista’ jkun persuna fiżika (suġġett tad-data) jew persuna ġuridika.

(a) l-istituzzjonijiet ta’ kreditu kif iddefiniti fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1), inkluż il-fergħat tagħhom kif iddefiniti fil-punt (17) tal-Artikolu 4(1) ta’ dak ir-Regolament, fejn tali fergħat jinsabu fl-Unjoni, kemm jekk is-sede prinċipali ta’ dawk il-fergħat jinsabu fl-Unjoni jew f’konformità mal-Artikolu 47 tad-Direttiva 2013/36/UE u mal-liġi nazzjonali, mhux ġol-Unjoni;

(b) l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi, kif iddefiniti fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/110/KE, inkluż, f’konformità mal-Artikolu 8 ta’ dik id-Direttiva u mal-liġi nazzjonali, il-fergħat tagħhom, fejn tali fergħat jinsabu fl-Unjoni u l-uffiċċji ewlenin tagħhom ma jinsabux fl-Unjoni, sakemm is-servizzi ta’ pagamenti pprovduti minn dawk il-fergħat huma marbuta mal-ħruġ ta’ flus elettroniċi;

(c) istituzzjonijiet giro tal-uffiċċju postali (post office giro institutions) li huma intitolati skont il-liġi nazzjonali biex jipprovdu servizzi ta’ pagamenti;

(d) istituzzjonijiet ta’ pagament;

(e) il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali meta ma jkunux qed jaġixxu fil-kapaċità tagħhom bħala awtorità monetarja jew awtoritajiet pubbliċi oħrajn;

(f) l-Istati Membri jew l-awtoritajiet reġjonali jew lokali tagħhom meta ma jkunux qed jaġixxu fil-kapaċità tagħhom ta’ awtoritajiet pubbliċi.

¹¹ L-Artikolu 4(15) tal-PSD2.

7. L-AISPs jipprovdu servizzi online li jipprovdu informazzjoni konsolidata dwar kont wieħed jew aktar ta' pagamenti li jkollu l-utent ta' servizz ta' pagamenti ma' fornitur ieħor ta' servizz ta' pagamenti jew ma' aktar minn fornitur wieħed ta' servizz ta' pagamenti¹². Skont il-premessa 28 tal-PSD2, l-utent ta' servizz ta' pagamenti jista' jkollu stampa ġenerali tas-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu immedjatament fi kwalunkwe mument partikolari.
8. Fir-rigward tas-servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet, jista' jkun hemm diversi tipi differenti ta' servizzi offruti, b'enfasi fuq karatteristiċi u skopijiet differenti. Pereżempju, xi fornituri jistgħu joffru servizzi lill-utenti bħall-ippjanar tal-baġit u l-monitoraġġ tal-infiq. L-ipproċessar ta' *data* personali fil-kuntest ta' dawn is-servizzi huwa kopert mill-PSD2. Servizzi li jinvolvu valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja tal-utent ta' servizz ta' pagamenti jew servizzi ta' awditjar imwettqa abbażi tal-ġbir ta' informazzjoni permezz ta' servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-PSD2 u għalhekk jaqgħu taħt il-GDPR. Barra minn hekk, kontijiet differenti minn kontijiet ta' pagament (eż. tfaddil, investimenti) ukoll mhumiex koperti mill-PSD2. Fi kwalunkwe każ, il-GDPR huwa l-qafas ġuridiku applikabbli għall-ipproċessar ta' *data* personali.

Eżempju 1:

HappyPayments hija kumpanija li toffri servizz online li jikkonsisti fl-għoti ta' informazzjoni dwar kont ta' pagament wieħed jew aktar permezz ta' applikazzjoni mobbli sabiex tiġi pprovduta sorveljanza finanzjarja (Servizz ta' Informazzjoni dwar il-Kontijiet). B'dan is-servizz, l-utent ta' servizz ta' pagamenti jista' jara f'daqqa t'għajn il-bilanċi u t-tranżazzjonijiet riċenti f'żewġ kontijiet ta' pagament jew aktar f'banek differenti. Dan joffri wkoll, meta utent ta' servizz ta' pagamenti jagħżel li jagħmel dan, kategorizzazzjoni tal-infiq u tal-introjt skont tipoloġiji differenti (salarju, divertiment, enerġija, ipoteka, eċċ.), u b'hekk jgħin lill-utent ta' servizz ta' pagamenti bl-ippjanar finanzjarju. F'din l-applikazzjoni, HappyPayments joffri wkoll servizz biex jinbdew pagamenti direttament mill-kont(ijiet) ta' pagament magħżul(a) mill-utenti (Servizz ta' Bidu ta' Pagament).

9. Sabiex jiġu pprovduti dawk is-servizzi, il-PSD2 tirregola l-kundizzjonijiet ġuridiċi li taħthom il-PISPs u l-AISPs jistgħu jaċċessaw kontijiet ta' pagament biex jiprovdu servizz lill-utent ta' servizz ta' pagamenti.
10. L-Artikoli 66(1) u 67(1) tal-PSD2 jiddeterminaw li l-aċċess u l-użu ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-pagamenti u l-kontijiet huma drittijiet tal-utent ta' servizz ta' pagamenti. Dan ifisser li l-utent ta' servizz ta' pagamenti għandu jibqa' kompletament liberu fir-rigward tal-eżerċizzju ta' tali dritt u ma jistax jiġi sfurzati jagħmel użu minn dan id-dritt.
11. L-aċċess għall-kontijiet ta' pagament u l-użu ta' informazzjoni dwar il-kontijiet ta' pagament huma parzjalment regolati fl-Artikoli 66 u 67 tal-PSD2, li fihom salvagwardji rigward il-protezzjoni tad-*data* (personali). L-Artikolu 66(3)(f) tal-PSD2 jgħid li l-PISP ma għandu jitlob mill-utent ta' servizz ta' pagamenti l-ebda *data* differenti minn dik meħtieġa biex jiġi pprovdut is-servizz ta' pagament, u l-Artikolu 66(3)(g) tal-PSD2 jipprevedi li l-PISPs ma għandhom jużaw, jaċċessaw jew jaħżnu l-ebda *data* għal skopijiet differenti mit-twettiq tas-servizz ta' bidu ta' pagament espliċitament mitlub mill-utent ta' servizz ta' pagamenti. Barra minn hekk, l-Artikolu 67(2)(d) tal-PSD2 jillimita l-aċċess tal-AISPs għall-informazzjoni minn kontijiet ta' pagament magħżula u tranżazzjonijiet ta' pagament assoċjati, filwaqt li l-Artikolu 67(2)(f) tal-PSD2 jiddikjara li l-AISPs ma għandhom jużaw, jaċċessaw jew jaħżnu l-ebda *data* għal skopijiet differenti mit-twettiq tas-servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet espliċitament mitlub mill-utent ta' servizz ta' pagamenti, f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*. Dan tal-aħħar jenfasizza li, fil-kuntest tas-servizzi ta' informazzjoni dwar il-

¹² L-Artikolu 4(16) tal-PSD2

kontijiet, id-*data* personali tista' tinġabar biss għal skopijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi. Għaldaqstant, AISP għandu jagħmel espliċitu fil-kuntratt għal liema skopijiet speċifiċi d-*data* ta' informazzjoni dwar kontijiet personali se tiġi pproċessata, fil-kuntest tas-servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet li tipprovdi. Il-kuntratt għandu jkun legali, ġust u trasparenti skont l-Artikolu 5 tal-GDPR u jikkonforma wkoll ma' liġijiet oħra dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.

12. Skont ċirkostanzi speċifiċi, il-fornituri ta' servizz ta' pagamenti jistgħu jkunu kontrollur jew proċessur skont il-GDPR. F'dawn il-linji gwida, "kontrolluri" huma dawk il-fornituri ta' servizz ta' pagamenti li, waħedhom jew flimkien ma' oħrajn, jiddeterminaw l-iskopijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' *data* personali. Aktar gwida dwar dan tista' tinstab fil-Linji Gwida 07/2020 tal-EDPB dwar il-kunċetti ta' kontrollur u proċessur fil-GDPR.

2 RAĠUNIJIET ĠURIDIĊI U PPROĊESSAR ULTERJURI TAĦT L-PSD2

2.1 Raġunijiet ġuridiċi għall-ipproċessar

13. Skont il-GDPR, il-kontrolluri jrid ikollhom bażi ġuridika sabiex jipproċessaw *data* personali. L-Artikolu 6(1) tal-GDPR jikkostitwixxi lista eżawrjenti u restrittiva ta' sitt bażijiet ġuridiċi għall-ipproċessar ta' *data* personali skont il-GDPR¹³. Huwa f'idejn il-kontrollur li jiddefinixxi l-bażi ġuridika xierqa u jiżgura li l-kundizzjonijiet kollha għal din il-bażi ġuridika jkunu ssodisfati. Id-determinazzjoni ta' liema bażi hija valida u l-aktar xierqa f'sitwazzjoni speċifika tiddependi miċ-ċirkostanzi li fihom iseħħ l-ipproċessar, inkluż l-iskop tal-ipproċessar u r-relazzjoni bejn il-kontrollur u s-suġġett tad-*data*.

2.2 L-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR (l-ipproċessar huwa meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt)

14. Is-servizzi ta' pagamenti jiġu pprovduti fuq bażi kuntrattwali bejn l-utent tas-servizzi ta' pagamenti u l-fornitur tas-servizzi ta' pagamenti. Kif iddikjarat fil-premessa 87 tal-PSD2, "*Din id-Direttiva għandha tikkonċerna biss obbligi u responsabbiltajiet kuntrattwali bejn l-utent ta' servizzi ta' pagament u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament.*" F'termini tal-GDPR, il-bażi ġuridika ewlenija għall-ipproċessar ta' *data* personali għall-forniment ta' servizzi ta' pagamenti hija l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR, jiġifieri li l-ipproċessar huwa meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt li għalih is-suġġett tad-*data* huwa parti jew biex jittieħdu passi fuq talba tas-suġġett tad-*data* qabel ma jidħol f'kuntratt.

15. Is-servizzi ta' pagamenti skont il-PSD2 huma definiti fl-Anness 1 tal-PSD2. Il-forniment ta' dawn is-servizzi kif definit mill-PSD2 huwa rekwiżit għall-istabbiliment ta' kuntratt li fih il-partijiet ikollhom aċċess għal *data* dwar il-kontijiet ta' pagament tal-utent ta' servizz ta' pagamenti. Dawn il-fornituri ta' servizz ta' pagamenti għandhom ikunu wkoll operaturi liċenzjati. Fir-rigward tas-servizzi ta' bidu ta' pagament u s-servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet skont il-PSD2, il-kuntratti jistgħu jinkorporaw termini li jimponu wkoll kundizzjonijiet dwar servizzi addizzjonali li mhumiex regolati mill-PSD2. Il-Linji Gwida 2/2019 tal-EDPB dwar l-ipproċessar ta' *data* personali skont l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi online lis-suġġetti tad-*data* jagħmluha ċara li l-kontrolluri għandhom jivvalutaw liema pproċessar ta' *data* personali huwa oġġettivament meħtieġ biex jitwettaq il-kuntratt. Dawn il-Linji Gwida jindikaw li l-ġustifikazzjoni

¹³ Skont l-Artikolu 6 l-ipproċessar għandu jkun legali biss jekk u sa fejn japplika wieħed minn dawn li ġejjin:

- (a) is-suġġett tad-*data* jkun ta l-kunsens għall-ipproċessar ta' *data* personali tiegħu għal skop speċifiku wieħed jew aktar;
- (b) l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt li għalih is-suġġett tad-*data* huwa parti jew sabiex jittieħdu passi fuq talba tas-suġġett tad-*data* qabel ma jidħol f'kuntratt;
- (c) l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-konformità ma' obbligu ġuridiku li għalih huwa soġġett il-kontrollur;
- (d) l-ipproċessar ikun meħtieġ sabiex ikunu protetti l-interessi vitali tas-suġġett tad-*data* jew ta' persuna fiżika oħra;
- (e) l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq ta' komputu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali mogħtija lill-kontrollur;
- (f) l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-finijiet tal-interessi leġittimi segwiti mill-kontrollur jew minn parti terza, għajr meta dawn l-interessi jingħelbu mill-interessi jew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-*data* li jirrikjedu l-protezzjoni tad-*data* personali, b'mod partikolari meta s-suġġett tad-*data* jkun minorenni.

tan-neċessità hija dipendenti min-natura tas-servizz, il-perspettivi u l-aspettattivi reċiproċi tal-partijiet għall-kuntratt, ir-raġunament tal-kuntratt u l-elementi essenzjali tal-kuntratt.

16. Il-Linji Gwida 2/2019 tal-EDPB jagħmluha ċara wkoll li, fid-dawl tal-Artikolu 7(4) tal-GDPR, issir distinzjoni bejn l-attivitajiet ta' pproċessar meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt u t-termini li jagħmlu s-servizz kondizzjonali fuq ċerti attivitajiet ta' pproċessar li fil-fatt mhumiex meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. "Meħtieġ għall-eżekuzzjoni" b'mod ċar jirrikjedi xi ħaġa aktar minn kundizzjoni kuntrattwali¹⁴. Il-kontrollur għandu jkun jista' juri kif l-oġġett ewlieni tal-kuntratt speċifiku mas-suġġett tad-*data* ma jstax, bħala fatt, jitwettaq jekk l-ipproċessar speċifiku tad-*data* personali inkwistjoni ma jseħx. Is-sempliċi referenzjar jew referenza tal-ipproċessar tad-*data* f'kuntratt mhumiex biżżejjed biex l-ipproċessar inkwistjoni jsir fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR.
17. L-Artikolu 5(1)(b) tal-GDPR jipprevedi l-prinċipju ta' limitazzjoni tal-iskop, li jirrikjedi li d-*data* personali trid tinġabar għal skopijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi u ma tiġix ipproċessata aktar b'tali mod li jkun inkompatibbli ma' dawk l-iskopijiet. Meta jiġi vvalutat jekk l-Artikolu 6(1)(b) huwiex bażi ġuridika xierqa għal servizz (ta' pagamenti) online, għandu jitqies l-għan, l-iskop, jew l-oġġettiv partikolari tas-servizz¹⁵. L-iskopijiet tal-ipproċessar iridu jkunu speċifikati b'mod ċar u kkomunikati lis-suġġett tad-*data*, f'konformità mal-obbligi tal-kontrollur f'dawk li huma limitazzjoni tal-iskop u trasparenza. Il-valutazzjoni ta' dak li huwa "meħtieġ" tinvolti valutazzjoni kkombinata u bbażata fuq il-fatti tal-ipproċessar "għall-oġġettiv segwit u ta' jekk huwiex anqas intrużiv meta mqabbel ma' għażliet oħra għall-kisba tal-istess għan". L-Artikolu 6(1)(b) ma jkoprix ipproċessar li huwa utli iżda mhux oġġettivament meħtieġ għat-twettiq tas-servizz kuntrattwali jew għat-teħid ta' passi prekuntrattwali rilevanti fuq talba tas-suġġett tad-*data*, anke jekk ikun meħtieġ għall-iskopijiet ta' negozju ieħor tal-kontrollur¹⁶.
18. Il-Linji Gwida 2/2019 tal-EDPB jagħmluha ċara li l-kuntratti ma jistgħux jespandu b'mod artifiċjali l-kategoriji ta' *data* personali jew tipi ta' operazzjoni ta' pproċessar li l-kontrollur jeħtieġ li jwettaq għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt skont it-tifsira tal-Artikolu 6(1)(b)¹⁷. Dawn il-Linji Gwida jindirizzaw ukoll każijiet li fihom jistgħu jinħolqu sitwazzjonijiet ta' "jew hekk jew xejn" għal suġġetti tad-*data* li jistgħu jkunu interessati biss f'wieħed mis-servizzi. Dan jista' jseħħ meta kontrollur ikun jixtieq jiġbor diversi servizzi separati jew elementi ta' servizz bi skopijiet, karatteristiċi jew raġunament fundamentali differenti f'kuntratt wieħed. Meta l-kuntratt ikun jikkonsisti minn diversi servizzi separati jew elementi ta' servizz li fil-fatt jistgħu jitwettqu b'mod raġonevoli indipendentement minn xulxin, l-applikabbiltà tal-Artikolu 6(1)(b) għandha tiġi vvalutata fil-kuntest ta' kull wieħed minn dawk is-servizzi separatament, meta wieħed iħares lejn dak li huwa oġġettivament meħtieġ biex jitwettaq kull wieħed mis-servizzi individwali li s-suġġett tad-*data* talab jew irreġistra għalihom b'mod attiv¹⁸.
19. F'konformità mal-Linji Gwida msemmija hawn fuq, il-kontrolluri għandhom jivvalutaw dak li huwa oġġettivament meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Meta l-kontrolluri ma jkunux jistgħu juru li l-ipproċessar tad-*data* dwar il-kontijiet ta' pagament personali huwa oġġettivament meħtieġ għall-forniment separat ta' kull wieħed minn dawn is-servizzi, l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR mhumiex

¹⁴ Il-Linji Gwida 2/2019 dwar l-ipproċessar ta' *data* personali skont l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi online lil suġġetti tad-*data*, EDPB, paġna 8.

¹⁵ Idem.

¹⁶ Idem, il-paġna 7.

¹⁷ Idem, il-paġna 10.

¹⁸ Idem, il-paġna 11.

raġuni ġuridika valida għall-ipproċessar. F'dawn il-każijiet, il-kontrollur għandu jikkunsidra bażi ġuridika oħra għall-ipproċessar.

2.3 Prevenzjoni tal-frodi

20. L-Artikolu 94(1) tal-PSD2 jgħid li l-Istati Membri għandhom jippermettu pproċessar ta' *data* personali minn sistemi ta' pagamenti u minn fornituri ta' servizz ta' pagamenti meta meħtieġ biex jitħarsu l-prevenzjoni, l-investigazzjoni u s-sejba ta' frodi fil-pagamenti. L-ipproċessar ta' *data* personali strettament meħtieġ għall-finijiet tal-prevenzjoni tal-frodi jista' jikkostitwixxi interess leġittimu tal-fornitur ta' servizz ta' pagamenti kkonċernat, sakemm tali interessi ma jiġux superati mill-interessi jew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-*data*¹⁹. L-attivitajiet ta' pproċessar għall-fini tal-prevenzjoni tal-frodi għandhom ikunu bbażati fuq evalwazzjoni bir-reqqa ta' każ b'każ mill-kontrollur, f'konformità mal-prinċipju tal-akkontabbiltà. Barra minn hekk, biex ma jkunx hemm frodi, il-kontrolluri jistgħu jkunu soġġetti wkoll għal obbligi ġuridiċi speċifiċi li jeħtieġu l-ipproċessar ta' *data* personali.

2.4 Ipproċessar ulterjuri (AISP u PISP)

21. L-Artikolu 6(4) tal-GDPR jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-ipproċessar ta' *data* personali għal skop differenti minn dak li għalih tkun inġabret id-*data* personali. B'mod aktar speċifiku, tali pproċessar ulterjuri jista' jsir, fejn ikun ibbażat fuq liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, li tikkostitwixxi miżura meħtieġa u proporzjonata f'soċjetà demokratika sabiex jiġu ssalvagwardjati l-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 23(1), meta s-suġġett tad-*data* jkun ta l-kunsens tiegħu jew meta l-ipproċessar għal skop differenti minn dak li għalih inġabret id-*data* personali jkun kompatibbli mal-iskop inizjali.

22. L-Artikoli 66(3)(g) u 67(2)(f) tal-PSD2 għandhom jitqiesu bir-reqqa. Kif imsemmi hawn fuq, l-Artikolu 66(3)(g) tal-PSD2 jiddikjara li l-PISP ma għandu juża, jaċċessa jew jaħżen l-ebda *data* għal skopijiet oħra ħlief għall-forniment tas-servizz ta' bidu ta' pagament kif espliċitament mitlub mill-pagatur. L-Artikolu 67(2)(f) tal-PSD2 jiddikjara li l-AISP ma għandu juża, jaċċessa jew jaħżen l-ebda *data* għal skopijiet oħrajn ħlief għat-tweġiq tas-servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet espliċitament mitlub mill-utent ta' servizz ta' pagamenti, f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*.

23. Konsegwentement, l-Artikolu 66(3)(g) u l-Artikolu 67(2)(f) tal-PSD2 jirrestrinġu b'mod konsiderevoli l-possibbiltajiet għall-ipproċessar għal skopijiet oħra, li jfisser li l-ipproċessar għal fini ieħor mhuwiex permess, sakemm is-suġġett tad-*data* ma jkunx ta l-kunsens tiegħu skont l-Artikolu 6(1)(a) tal-GDPR jew l-ipproċessar ikun stabbilit mil-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi tal-Istat Membru li għalih il-kontrollur ikun soġġett, skont l-Artikolu 6(4) tal-GDPR. Meta l-ipproċessar għal skop ieħor għajr dak li għalih tkun inġabret id-*data* personali ma jkunx ibbażat fuq il-kunsens tas-suġġett tad-*data* jew fuq liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, ir-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 66(3)(g) u l-Artikolu 67(2)(f) tal-PSD2 jagħmluha ċara li kwalunkwe skop ieħor mhuwiex kompatibbli mal-iskop li għalih tinġabar inizjalment id-*data* personali. It-test tal-kompatibbiltà tal-Artikolu 6(4) tal-GDPR ma jstax jirriżulta f'bażi ġuridika għall-ipproċessar.

24. L-Artikolu 6(4) tal-GDPR jippermetti pproċessar ulterjuri bbażat fuq il-liġi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri. Pereżempju, il-PISPs u l-AISPs kollha huma entitajiet obligati skont l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskopijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu tad-direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Għalhekk, dawn l-entitajiet obligati

¹⁹ Il-Premessa 47 tal-GDPR.

huma mġiegħla japplikaw il-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijent kif speċifikat fid-Direttiva. Għalhekk, id-*data* personali pproċessata b'rabta ma' servizz tal-PSD2 tiġi pproċessata ulterjorment abbażi ta' mill-anqas obbligu ġuridiku wieħed li jiddependi mill-fornitur tas-servizz²⁰.

25. Kif imsemmi fil-paragrafu 20, l-Artikolu 6(4) tal-GDPR jindika li l-iproċessar għal skop differenti minn dak li għalih inġabret id-*data* personali jista' jkun ibbażat fuq il-kunsens tas-suġġett tad-*data*, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha għall-kunsens skont il-GDPR. Kif stabbilit hawn fuq, il-kontrollur jeħtieġ li juri li huwa possibbli li jiġi rrifjutat jew irtirat il-kunsens mingħajr detriment (premissa 42 tal-GDPR).

2.5 Raġuni legali għall-għoti ta' aċċess għall-Kont (ASPSPs)

26. Kif imsemmi fil-paragrafu 10, l-utenti ta' servizzi ta' pagament jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jużaw servizzi ta' bidu ta' pagament u ta' informazzjoni dwar il-kontijiet. L-obbligi imposti fuq l-Istati Membri fl-Artikoli 66(1) u 67(1) tal-PSD2 għandhom jiġu implimentati fil-liġi nazzjonali sabiex tiġi garantita l-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-utent ta' servizzi ta' pagamenti li jibbenefika mis-servizzi ta' pagamenti imsemmija hawn fuq. L-applikazzjoni effettiva ta' dawn id-drittijiet ma tkunx possibbli mingħajr l-eżistenza ta' obbligu korrispondenti fuq l-ASPSP, tipikament bank, li jagħti lill-fornitur ta' servizz ta' pagamenti aċċess għall-kont bil-kundizzjoni li jkun issodisfa r-rekwiżiti kollha biex jikseb aċċess għall-kont tal-utent ta' servizz ta' pagamenti. Barra minn hekk, l-Artikoli 66(5) u 67(4) tal-PSD2 jgħidu b'mod ċar li l-forniment ta' servizzi ta' bidu ta' pagament u ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet ma għandhiex tkun dipendenti fuq l-eżistenza ta' relazzjoni kuntrattwali bejn il-PISP/AISP u l-ASPSP.
27. L-iproċessar ta' *data* personali mill-ASPSP li jikkonsisti fl-għoti ta' aċċess għad-*data* personali mitluba mill-PISP u l-AISP sabiex iwettqu s-servizz ta' pagamenti tagħhom lill-utent ta' servizz ta' pagamenti huwa bbażat fuq obbligu ġuridiku. Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-PSD2, l-ASPSPs iridu jipprovdu d-*data* personali għas-servizzi tal-PISPs u tal-AISPs, li hija kundizzjoni meħtieġa għall-PISPs u l-AISPs biex jipprovdu s-servizzi tagħhom u b'hekk jiżguraw id-drittijiet previsti fl-Artikoli 66(1) u 67(1) tal-PSD2. Għalhekk, il-bażi ġuridika applikabbli f'dan il-każ hija l-Artikolu 6(1)(c) tal-GDPR.
28. Peress li l-GDPR speċifika li l-iproċessar ibbażat fuq obbligu ġuridiku għandu jiġi stabbilit b'mod ċar mil-liġi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri (ara l-Artikolu 6(3) tal-GDPR), l-obbligu għall-ASPSPs li jagħtu aċċess għandu jirriżulta mil-liġi nazzjonali li tittrasponi l-PSD2.

²⁰ Wieħed għandu jinnota li eżami bir-reqqa tal-kwistjoni dwar jekk id-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus tissodisfax l-istandard tal-Artikolu 6(4) tal-GDPR jaqa' barra mill-ambitu ta' dan id-dokument.

3 KUNSENS ESPLIĊITU

3.1 Kunsens skont il-GDPR

29. Skont il-GDPR, il-kunsens iservi bħala waħda mis-sitt raġunijiet ġuridiċi għal-legalità tal-ipproċessar tad-*data* personali. L-Artikolu 4(11) tal-GDPR jiddefinixxi kunsens bħala “kwalunkwe indikazzjoni tax-xewqat tas-suġġett tad-*data* mogħtija b’mod liberu, speċifika, infurmata u mhux ambigwa li permezz tagħha s-suġġett tad-*data*, permezz ta’ dikjarazzjoni jew permezz ta’ azzjoni affermattiva ċara, juri li jaqbel mal-ipproċessar ta’ *data* personali relatata miegħu jew magħha”. Dawn l-erba’ kundizzjonijiet, mogħtija b’mod liberu, speċifiċi, infurmata u mhux ambigwi, huma essenzjali għall-validità tal-kunsens. Skont il-Linji Gwida 05/2020 tal-EDPB dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679, il-kunsens jista’ jkun bażi ġuridika xierqa biss jekk suġġett tad-*data* jiġi offrut kontroll u għażla ġenwina fir-rigward tal-aċċettazzjoni jew iċ-ċaħda tat-termini offruti jew iċ-ċaħda tagħhom mingħajr detriment. Meta kontrollur jitlob kunsens, huwa għandu d-dmir li jivvaluta jekk dan ikunx jissodisfa r-rekwiżiti kollha biex jinkiseb kunsens validu. Jekk jinkiseb f’konformità sħiħa mal-GDPR, il-kunsens huwa għodda li tagħti lis-suġġetti tad-*data* kontroll fuq jekk id-*data* personali li tikkonċernahom tkunx se tiġi pproċessata. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-kontroll tas-suġġett tad-*data* jsir illużjoni u l-kunsens ma jkunx bażi valida għall-ipproċessar, li jaqgħmel l-attività tal-ipproċessar illegali²¹.
30. Il-GDPR fih ukoll salvagwardji ulterjuri fl-Artikolu 7, li jistabbilixxi li l-kontrollur tad-*data* jrid ikun f’pożizzjoni li juri li kien hemm kunsens validu fil-mument tal-ipproċessar. Barra minn hekk, it-talba għall-kunsens trid tiġi ppreżentata b’mod li jkun distint b’mod ċar mill-kwistjonijiet l-oħra, f’forma li tinftiehem u faċilment aċċessibbli, bl-użu ta’ lingwaġġ ċar u sempliċi. Barra minn hekk, is-suġġett tad-*data* jrid jiġi infurmat dwar id-dritt li jirtira l-kunsens fi kwalunkwe ħin, bl-istess mod sempliċi kif ta l-kunsens.
31. Skont l-Artikolu 9 tal-GDPR, il-kunsens huwa waħda mill-eċċezzjonijiet mill-projbizzjoni ġenerali għall-ipproċessar ta’ kategoriji speċjali ta’ *data* personali. Madankollu, f’tali każ il-kunsens tas-suġġett tad-*data* jrid ikun “espliċitu”²².
32. Skont il-Linji Gwida 05/2020 tal-EDPB dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679, il-kunsens espliċitu skont il-GDPR jirreferi għall-mod kif jiġi espress il-kunsens mis-suġġett tad-*data*. Dan ifisser li s-suġġett tad-*data* għandu jagħti dikjarazzjoni ta’ kunsens espliċita għal skop(ijiet) speċifiku/speċifiċi ta’ pproċessar. Mod ovvju kif jiġi żgurat li l-kunsens ikun espliċitu huwa li l-kunsens jiġi kkonfermat b’mod espliċitu f’dikjarazzjoni bil-miktub. Fejn ikun xieraq, il-kontrollur jista’ jiżgura li d-dikjarazzjoni bil-miktub tkun iffirmata mis-suġġett tad-*data*, sabiex jiġi eliminat kull dubju possibbli u nuqqas potenzjali ta’ evidenza fil-ġejjieni.
33. Fl-ebda ċirkostanza ma jista’ jiġi inferit il-kunsens minn dikjarazzjonijiet jew azzjonijiet potenzjalment ambigwi. Kontrollur irid joqgħod attent ukoll li l-kunsens ma jstax jinkiseb permezz tal-istess moviment bħall-qbil ma’ kuntratt jew l-aċċettazzjoni tat-termini u kundizzjonijiet ġenerali ta’ servizz.

3.2 Kunsens skont il-PSD2

²¹ Il-Linji Gwida 05/2020 dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679, EDPB, paragrafu 3.

²² Ara wkoll l-Opinjoni 15/2011 dwar id-definizzjoni tal-kunsens (WP 187), pp. 6-8, u/jew l-Opinjoni 06/2014 dwar il-kunċett ta’ interessi leġittimi tal-kontrollur tad-*data* taħt l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE (WP 217), pp. 9, 10, 13 u 14.

34. L-EDPB jinnota li l-qafas ġuridiku rigward il-kunsens espliċitu huwa kumpless, peress li kemm il-PSD2 kif ukoll il-GDPR jinkludu l-kunċett ta' "kunsens espliċitu". Dan iwassal għall-kwistjoni dwar jekk "kunsens espliċitu" kif imsemmi fl-Artikolu 94(2) tal-PSD2 għandux jiġi interpretat bl-istess mod bħall-kunsens espliċitu skont il-GDPR.

3.2.1 Kunsens espliċitu skont l-Artikolu 94(2) tal-PSD2

35. Il-PSD2 tinkludi għadd ta' regoli speċifiċi dwar l-ipproċessar ta' *data* personali, b'mod partikolari fl-Artikolu 94(1) tal-PSD2, li jiddetermina li l-ipproċessar ta' *data* personali għall-finijiet tal-PSD2 irid jikkonforma mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*. Barra minn hekk, l-Artikolu 94(2) tal-PSD2 jistabbilixxi li l-fornituri ta' servizz ta' pagamenti għandhom jaċċessaw, jipproċessaw u jżommu biss *data* personali meħtieġa għall-forniment tas-servizzi ta' pagamenti tagħhom, bil-kunsens espliċitu tal-utent ta' servizz ta' pagamenti. Skont l-Artikolu 33(2) tal-PSD2, dan ir-rekwiżit tal-kunsens espliċitu tal-utent ta' servizz ta' pagamenti ma japplikax għall-AISPs. Madankollu, l-Artikolu 67(2)(a) tal-PSD2 għadu jipprovdi kunsens espliċitu għall-AISPs għall-forniment tas-servizz.

36. Kif imsemmi hawn fuq, il-lista ta' bażijiet legali għall-ipproċessar skont il-GDPR hija eżawrjenti. Kif imsemmi fil-paragrafu 14, il-bażi ġuridika għall-ipproċessar ta' *data* personali għall-forniment ta' servizzi ta' pagamenti hija, fil-prinċipju, l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR, jiġifieri li l-ipproċessar huwa meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt li għalih is-suġġett tad-*data* huwa parti jew sabiex jittieħdu passi fuq talba tas-suġġett tad-*data* qabel ma jidħol f'kuntratt. Minn dan, jirriżulta li l-Artikolu 94(2) tal-PSD2 ma jistax jitqies bħala bażi ġuridika addizzjonali għall-ipproċessar ta' *data* personali. L-EDPB iqis li, fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, dan il-paragrafu għandu jiġi interpretat, minn naħa waħda, b'koerenza mal-qafas ġuridiku applikabbli għall-protezzjoni tad-*data* u, min-naħa l-oħra, b'mod li jippreserva l-effett utli tiegħu. Għalhekk, il-kunsens espliċitu skont l-Artikolu 94(2) tal-PSD2 għandu jitqies bħala rekwiżit addizzjonali ta' natura kuntrattwali²³ fir-rigward tal-aċċess għad-*data* personali u l-ipproċessar u l-ħżin sussegwenti tagħha għall-fini tal-għoti ta' servizzi ta' pagamenti u għalhekk mhuwiex l-istess bħall-kunsens (espliċitu) skont il-GDPR.

37. Il-"Kunsens espliċitu" imsemmi fl-Artikolu 94(2) tal-PSD2 huwa kunsens kuntrattwali. Dan jimplika li l-Artikolu 94(2) tal-PSD2 għandu jiġi interpretat fis-sens li meta jidħol f'kuntratt ma' fornitur ta' servizz ta' pagamenti skont il-PSD2, is-suġġetti tad-*data* jridu jkunu kompletament konxji mill-kategoriji speċifiċi ta' *data* personali li se tiġi pproċessata. Barra minn hekk, iridu jiġu mgħarrfa dwar l-iskop speċifiku (tas-servizz ta' pagamenti) li għalih se tiġi pproċessata d-*data* personali tagħhom u jridu jaqblu b'mod espliċitu ma' dawn il-klawżoli. Tali klawżoli għandhom ikunu distinti b'mod ċar mill-kwistjonijiet l-oħra ttrattati fil-kuntratt u jkunu jeħtieġu li jiġu aċċettati b'mod espliċitu mis-suġġett tad-*data*.

38. Element ewlieni għall-kunċett ta' "kunsens espliċitu" skont l-Artikolu 94(2) tal-PSD2 huwa l-kisba ta' aċċess għal *data* personali għall-ipproċessar sussegwenti u l-ħżin ta' din id-*data* bl-għan li jiġu pprovduti servizzi ta' pagamenti. Dan jimplika li l-fornitur ta' servizz ta' pagament²⁴ ikun għadu mhux qed jipproċessa d-*data* personali, iżda jkun jeħtieġ aċċess għal *data* personali li tkun ġiet ipproċessata taħt ir-responsabbiltà ta' kwalunkwe kontrollur ieħor. Jekk utent ta' servizz ta' pagament jidħol f'kuntratt ma', pereżempju, fornitur ta' servizz ta' bidu ta' pagament, dan il-fornitur jeħtieġ li jikseb aċċess għal *data* personali tal-utent ta' servizz ta' pagament li jkun qed jiġi pproċessat taħt ir-responsabbiltà tal-fornitur ta' servizz ta' pagament li jġestixxi l-kont. L-objettiv tal-kunsens espliċitu skont l-Artikolu 94(2) tal-PSD2 huwa l-permess biex jinkiseb aċċess għal dik id-*data* personali, biex id-*data* personali li hija meħtieġa għall-iskop li jiġi pprovdut is-servizz ta'

²³ L-Itra tal-EDPB dwar id-Direttiva PSD2, 5 ta' Lulju 2018, paġna 4.

²⁴ Dan japplika għas-servizzi 1 sa 7 tal-Anness 1 tal-PSD2.

pagament tkun tista' tiġi pproċessata u maħżuna. Jekk jingħata kunsens espliċitu mis-suġġett tad-*data*, il-fornitur tas-servizz ta' pagament li jisservizzja l-kont ikun obligat jagħti aċċess għad-*data* personali indikata.

39. Għalkemm il-kunsens tal-Artikolu 94(2) tal-PSD2 mhuwiex raġuni ġuridika għall-ipproċessar ta' *data* personali, dan il-kunsens huwa speċifikament relatat mad-*data* personali u mal-protezzjoni tad-*data*, u jiżgura t-trasparenza u livell ta' kontroll għall-utent tas-servizz ta' pagament²⁵. Filwaqt li l-PSD2 ma tispeċifikax il-kundizzjonijiet sostantivi għall-kunsens skont l-Artikolu 94(2) tal-PSD2, hija għandha, kif jingħad hawn fuq tintfiehem b'koerenza mal-qafas ġuridiku applikabbli għall-protezzjoni tad-*data* u b'mod li jippreserva l-effett utli tiegħu.
40. Fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-kontrolluri u r-rekwiżit ta' trasparenza, il-Linji Gwida dwar it-Trasparenza tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 jispeċifikaw li *"Kunsiderazzjoni ċentrali tal-prinċipju ta' trasparenza spjegat f'dawn id-dispożizzjonijiet hi li s-suġġett tad-*data* għandu jkun kapaċi jiddetermina minn qabel x'inhuma l-kamp ta' applikazzjoni u l-konsegwenzi tal-ipproċessar u li dan m'għandux ikun sorpriż aktar tard dwar il-modi li bihom intużat id-*data* personali tiegħu."*²⁶.
41. Barra minn hekk, kif meħtieġ mill-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop, id-*data* personali trid tinġabar għal skopijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi (l-Artikolu 5(1)(b) tal-GDPR). Meta d-*data* personali tinġabar għal aktar minn skop wieħed, *"il-kontrolluri għandhom jevitaw li jidentifikaw skop wiesa' wieħed biss biex jiġġustifikaw diversi attivitajiet ta' pproċessar ulterjuri li fil-fatt huma relatati mill-bogħod biss mal-iskop inizjali attwali"*²⁷. L-EDPB enfażizza, l-aktar reċentement fil-kuntest ta' kuntratti għal servizzi online, ir-riskju ta' inklużjoni ta' termini ġenerali ta' pproċessar f'kuntratti u ddikjara li l-għan tal-ġbir għandu jkun identifikat b'mod ċar u speċifiku: għandu jkun dettaljat biżżejjed biex jiġi ddeterminat liema tip ta' pproċessar huwa u mhuwiex inklużjoni speċifikat, u biex tkun tista' tiġi vvalutata l-konformità mal-liġi u jiġu applikati salvagwardji għall-protezzjoni tad-*data*²⁸.
42. Meta jitqies fil-kuntest tar-rekwiżit addizzjonali ta' kunsens espliċitu skont l-Artikolu 94(2) tal-PSD2, dan ifisser li l-kontrolluri jridu jipprovdu lis-suġġetti tad-*data* b'informazzjoni speċifika u espliċita dwar l-iskopijiet speċifiċi identifikati mill-kontrollur li għalihom tiġi aċċessata, ipproċessata u miżmuma d-*data* personali tagħhom. F'konformità mal-Artikolu 94(2) tal-PSD2, is-suġġetti tad-*data* jridu jaċċettaw b'mod espliċitu dawn l-iskopijiet speċifiċi.
43. Barra minn hekk, kif stabbilit hawn fuq fil-paragrafu 10, l-EDPB jenfasizza li l-utent ta' servizz ta' pagamenti irid ikun jista' jagħmel jekk jużax is-servizz jew le u ma jistax ikun sfurzati jagħmel dan. Għalhekk, il-kunsens skont l-Artikolu 94(2) tal-PSD2 għandu jkun ukoll kunsens mogħti liberament.

3.3 Konklużjoni

44. Il-kunsens espliċitu skont il-PSD2 huwa differenti mill-kunsens (espliċitu) skont il-GDPR. Il-kunsens espliċitu skont l-Artikolu 94(2) tal-PSD2 huwa rekwiżit addizzjonali ta' natura kuntrattwali. Meta fornitur ta' servizz ta' pagamenti jkun jeħtieġ aċċess għal *data* personali għall-forniment ta' servizz

²⁵ L-Artikolu 94(2) tal-PSD2 jaqa' taħt il-Kapitolu 4 "Protezzjoni tad-*data*".

²⁶ Il-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29, Linji Gwida dwar it-trasparenza skont ir-Regolament 2016/679, il-paragrafu 10 (adottati fil-11 ta' April 2018) - approvati mill-EDPB.

²⁷ L-Opinjoni 03/2013 tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 ta' dwar il-limitazzjoni tal-iskop (WP203), il-paġna 16.

²⁸ Il-Linji Gwida 2/2019 dwar l-ipproċessar ta' *data* personali skont l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi online lil suġġetti tad-*data*, il-paragrafu 16 (verżjoni ta' konsultazzjoni pubblika) u l-Opinjoni 03/2013 tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 dwar il-limitazzjoni tal-iskop (WP203), il-paġni 15–16.

ta' pagamenti, ikun meħtieġ kunsens espliċitu f'konformità mal-Artikolu 94(2) tal-PSD2 tal-utent ta' servizz ta' pagamenti.

4 L-IPPROĊESSAR TA' DATA TA' PARTI SIEKTA

4.1 Data ta' parti siekta

45. Kwistjoni ta' protezzjoni tad-*data* li teħtiegħ kunsiderazzjoni bir-reqqa, hija l-ipproċessar tal-hekk imsejħha "*data* ta' parti siekta". Fil-kuntest ta' dan id-dokument, id-*data* ta' parti siekta hija *data* personali li tikkonċerna suġġett tad-*data* li mhuwiex l-utent ta' fornitur ta' servizz ta' pagamenti speċifiku, iżda li d-*data* personali tiegħu tiġi pproċessata minn dak il-fornitur ta' servizz ta' pagamenti speċifiku għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt bejn il-fornitur u l-utent ta' servizz ta' pagamenti. Dan huwa pereżempju l-każ fejn utent ta' servizz ta' pagamenti, is-suġġett tad-*data* A, jagħmel użu mis-servizzi ta' AISP, u s-suġġett tad-*data* B ikun għamel serje ta' tranżazzjonijiet ta' pagament fil-kont ta' pagament tas-suġġett tad-*data* A. F'dan il-każ, is-suġġett tad-*data* B jitqies bħala l-"*parti siekta*" u d-*data* personali (bħan-numru tal-kont tas-suġġett tad-*data* B u l-ammont ta' flus li kien involut f'dawn it-tranżazzjonijiet) relatata mas-suġġett tad-*data* B, titqies bħala "*data* tal-parti siekta".

4.2 Interess leġittimu tal-kontrollur

46. L-Artikolu 5(1)(b) jirrikjedi li d-*data* personali għandha tinġabar biss għal skopijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi u ma tiġix ipproċessata aktar b'mod li jkun inkompatibbli ma' dawk l-iskopijiet. Barra minn hekk, il-GDPR jirrikjedi li kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali jrid ikun kemm meħtiegħ kif ukoll proporzjonat u f'konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data*, bħal dawk tal-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-*data*.

47. Il-GDPR jista' jippermetti l-ipproċessar ta' *data* ta' parti siekta meta dan l-ipproċessar ikun meħtiegħ għall-finijiet tal-interessi leġittimi segwiti minn kontrollur jew minn parti terza (l-Artikolu 6(1)(f) tal-GDPR). Madankollu, tali pproċessar jista' jsir biss meta l-interess leġittimu tal-kontrollur ma jkunx "inġorat minħabba l-interessi jew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-*data* li jirrikjedu protezzjoni tad-*data* personali".

48. Bażi legali għall-ipproċessar ta' *data* ta' parti siekta mill-PISPs u l-AISPs - fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi ta' pagamenti skont il-PSD2 - tista' għalhekk tkun l-interess leġittimu ta' kontrollur jew ta' parti terza biex teżegwixxi l-kuntratt mal-utent ta' servizz ta' pagamenti. Il-ħtiegħa li tiġi pproċessata *data* personali tal-parti siekta hija limitata u ddeterminata mill-aspettattivi raġonevoli ta' dawn is-suġġetti tad-*data*. Fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi ta' pagamenti li huma koperti mill-PSD2, għandhom jiġu stabbiliti miżuri effettivi u xierqa sabiex jiġi ssalvagwardjat li l-interessi jew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-partijiet siekta ma jiġux inġorati, u biex jiġi żgurat li l-aspettattivi raġonevoli ta' dawn is-suġġetti tad-*data* rigward l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom jiġu rrispettati. F'dan ir-rigward, il-kontrollur (AISP jew PISP) għandu jstabbilixxi s-salvagwardji meħtiegħa għall-ipproċessar sabiex jiproteġi d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*. Dan jinkludi miżuri tekniċi biex jiġi żgurat li d-*data* ta' parti siekta ma tiġix ipproċessata għal skop ieħor għajr l-iskop li għalih oriġinarjament inġabret id-*data* personali mill-PISPs u l-AISPs. Jekk ikun fattibbli, għandu jiġi applikat ukoll kriptaġġ jew tekniki oħra biex jinkiseb livell xieraq ta' sigurtà u minimizzazzjoni tad-*data*.

4.3 Ipproċessar ulterjuri ta' data personali tal-parti siekta

49. Kif iddikjarat fil-paragrafu 29, id-*data* personali pproċessata b'rabta ma' servizz ta' pagamenti rregolat mill-PSD2, tista' tiġi pproċessata ulterjorment abbażi tal-obbligi ġuridiċi li jiddependu mill-fornitur tas-servizz. Dawn l-obbligi ġuridiċi jistgħu jikkonċernaw *data* personali tal-parti siekta.

50. Fir-rigward tal-ipproċessar ulterjuri ta' *data* ta' parti siekta abbażi ta' interess leġittimu, l-EDPB huwa tal-fehma li din id-*data* ma tistax tintuża għal skop ieħor għajr dak li għalih inġabret id-*data* personali, jew abbażi tal-liġi tal-UE jew tal-Istati Membri. Il-kunsens tal-parti siekta mhux legalment fattibbli, minħabba li sabiex jinkiseb kunsens, id-*data* personali tal-parti siekta jkollha tinġabar jew tiġi pproċessata u għal dan ma hemmx bażi ġuridika taħt l-Artikolu 6 tal-GDPR. It-test tal-kompatibbiltà tal-Artikolu 6.4 tal-GDPR lanqas ma jista' joffri raġuni għall-ipproċessar għal skopijiet oħrajn (eż. attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta). Id-drittijiet u l-libertajiet ta' dawn is-suġġetti ta' *data* partijiet siekta ma jiġux rispettati jekk il-kontrollur il-ġdid tad-*data* juża d-*data* personali għal skopijiet oħrajn, meta wieħed iqis il-kuntest li fih inġabret id-*data* personali, speċjalment in-nuqqas ta' xi relazzjoni mas-suġġetti tad-*data* li huma partijiet siekta²⁹; in-nuqqas ta' xi konnessjoni bejn kwalunkwe skop ieħor u l-iskop li għalih inġabret inizjalment id-*data* personali (jiġifieri l-fatt li l-PSPs jeħtieġu biss id-*data* tal-parti siekta sabiex iwettqu kuntratt mal-parti kontraenti l-oħra); in-natura tad-*data* personali involuta³⁰, iċ-ċirkostanza li s-suġġetti tad-*data* mhumiex f'pożizzjoni li raġonevolment jistennew xi pproċessar ulterjuri jew saħansitra jkunu konxji dwar liema kontrollur jista' jkun qed jipproċessa d-*data* personali tagħhom u minħabba r-restrizzjonijiet ġuridiċi fuq l-ipproċessar stabbiliti fl-Artikolu 66(3)(g) u l-Artikolu 67(2)(f) tal-PSD2.

²⁹ Il-Premessa 87 tal-PSD2 tiddikjara li l-PSD2 tikkonċerna biss "obbligi u responsabbiltajiet kuntrattwali bejn l-utent ta' servizz ta' pagamenti u l-fornitur ta' servizz ta' pagamenti". Għalhekk, *Data* ta' Parti Siekta ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-PSD2.

³⁰ Għandha tingħata attenzjoni partikolari meta tiġi pproċessata *data* personali finanzjarja, peress li l-ipproċessar jista' jitqies li jżid ir-riskju possibbli għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi, skont il-Linji Gwida dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* (DPIA).

5 L-IPPROĊESSAR TA' KATEGORIJI SPEĊJALI TA' DATA PERSONALI FL-AMBITU TAL-PSD2

5.1 Kategoriji speċjali ta' data personali

51. L-Artikolu 9(1) tal-GDPR jipprojbixxi l-ipproċessar ta' "*data* personali, li jiżvela oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew sħubija fi trade union, u l-ipproċessar ta' *data* ġenetika, *data* bijometrika biex tiġi identifika b'mod uniku persuna fiżika, *data* dwar is-saħħa jew *data* dwar il-ħajja sesswali jew l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna fiżika".
52. Għandu jiġi enfasizzat li f'xi Stati Membri, il-pagamenti elettroniċi diġà jinsabu kullimkien, u ħafna persuni jippreferuhom mill-flus kontanti fit-tranżazzjonijiet ta' kuljum tagħhom. Fl-istess ħin, it-tranżazzjonijiet finanzjarji jistgħu jiżvelaw informazzjoni sensittiva dwar suġġett tad-*data* individwali, inklużi dawk relatati ma' kategoriji speċjali ta' *data* personali. Pereżempju, skont id-dettalji tat-tranżazzjonijiet, l-opinjonijiet politiċi u t-twemmin reliġjuż jistgħu jiġu żvelati minn donazzjonijiet li jsiru lil partiti jew organizzazzjonijiet politiċi, lil knejjes jew lil parroċċi. Is-sħubija fi trade union tista' tiġi żvelata bit-tnaqqis ta' tariffa ta' sħubija annwali mill-kont bankarju ta' persuna. Id-*data* personali li tikkonċerna s-saħħa tista' tinġabar mill-analiżi ta' kontijiet mediċi mħallsa minn suġġett tad-*data* lil professjonist mediku (pereżempju psikjatra). Fl-aħħar nett, informazzjoni dwar ċertu xiri tista' tiżvela informazzjoni dwar il-ħajja sesswali jew l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna. Kif muri minn dawn l-eżempji, anke tranżazzjonijiet uniċi jista' jkun fihom kategoriji speċjali ta' *data* personali. Barra minn hekk, is-servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet jistgħu jiddependu mit-tfassil ta' profili kif iddefinit mill-Artikolu 4(4) tal-GDPR. Kif intqal qabel fil-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma 29 dwar it-Teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati u t-Tfassil ta' profili għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, kif approvati mill-EDPB, "it-tfassil ta' profili jista' joħloq kategorija speċjali ta' *data* permezz ta' inferenza minn *data* li ma tkunx f'kategorija speċjali hija nfisha, iżda ssir hekk meta tiġi kkombinata ma' *data* oħra."³¹ Dan ifisser li, permezz tas-somma tat-tranżazzjonijiet finanzjarji, jistgħu jiġu żvelati tipi differenti ta' mudelli ta' mgħiba, li jistgħu jinkludu kategoriji speċjali ta' *data* personali. Għalhekk, il-possibiltajiet huma konsiderevoli li fornitur ta' servizz li jipproċessa informazzjoni dwar tranżazzjonijiet finanzjarji ta' suġġetti tad-*data* jipproċessa wkoll kategoriji speċjali ta' *data* personali.
53. Fir-rigward tat-terminu "*data* sensittiva dwar il-pagamenti", l-EDPB jinnota dan li ġej. Id-definizzjoni ta' *data* sensittiva dwar il-pagamenti fil-PSD2 tvarja b'mod konsiderevoli mill-mod kif it-terminu "*data* personali sensittiva" jintuża b'mod komuni fil-kuntest tal-GDPR u (tal-liġi) tal-protezzjoni tad-*data*. Meta l-PSD2 tiddefinixxi "*data* sensittiva dwar il-pagamenti" bħala "*data*, inklużi kredenzjali personalizzati ta' sigurtà li jistgħu jintużaw biex isiru frodi", il-GDPR jenfasizza l-ħtieġa ta' protezzjoni speċifika ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali li skont l-Artikolu 9 tal-GDPR huma, min-natura tagħhom, partikolarment sensittivi fir-rigward tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, bħal kategoriji speċjali ta' *data* personali³². F'dan ir-rigward huwa rrakkomandat li tal-anqas tiġi mmappjata u kkategorizzata preċiżament liema tip ta' *data* personali se tiġi pproċessata. Probabbilment se tkun meħtieġa Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* (Data Protection Impact Assessment - DPIA) f'konformità mal-Artikolu 35 tal-GDPR, li se tgħin f'dan l-eżerċizzju ta' mmappjar. Aktar gwida dwar id-DPIAs tinsab fil-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma 29 dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* (DPIA) li jiddeterminaw jekk l-

³¹ Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-*Data* tal-Artikolu 29, il-Linji Gwida dwar it-Teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati u t-Tfassil ta' profili għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, WP251rev.01, paġna 15.

³² Pereżempju, fil-premessa 10 tal-GDPR, kategoriji speċjali ta' *data* personali qed jissejġu "*data* sensittiva".

iproċessar jistax “x’aktarx jirriżulta f’riskju għoli” għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, kif approvati mill-EDPB.

5.2 Derogi possibbli

54. Il-projbizzjoni tal-Artikolu 9 tal-GDPR mhijiex assoluta. B’mod partikolari, filwaqt li d-derogi tal-paragrafi (b)-(f) u (h)-(j) tal-Artikolu 9(2) tal-GDPR huma manifestament mhux applikabbli għall-iproċessar ta’ *data* personali fil-kuntest tal-PSD2, jistgħu jiġu kkunsidrati ż-żewġ derogi li ġejjin fl-Artikolu 9(2) tal-GDPR:
- a) Il-projbizzjoni ma tapplikax jekk is-suġġett tad-*data* jkun ta kunsens espliċitu għall-iproċessar ta’ dik id-*data* personali għal skop speċifikat wieħed jew aktar (l-Artikolu 9(2)(a) tal-GDPR).
 - b) Il-projbizzjoni ma tapplikax jekk l-iproċessar ikun meħtieġ għal raġunijiet ta’ interess pubbliku sostanzjali, abbażi tal-liġi tal-Unjoni jew tal-Istat Membru li għandha tkun proporzjonata għall-għan segwit, tirrispetta l-essenza tad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* u tipprevedi miżuri xierqa u speċifiċi biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali u l-interessi tas-suġġett tad-*data* (l-Artikolu 9(2)(g) tal-GDPR).
55. Għandu jiġi indikat li l-lista ta’ derogi fl-Artikolu 9(2) tal-GDPR hija eżawrjenti. Il-possibbiltà li kategoriji speċjali ta’ *data* personali jiġu inklużi fid-*data* personali pproċessata għall-forniment ta’ kwalunkwe wieħed mis-servizzi li jaqgħu taħt il-PSD2 trid tiġi rikonoxxuta mill-fornitur tas-servizz. Peress li l-projbizzjoni tal-Artikolu 9(1) tal-GDPR hija applikabbli għal dawn il-fornituri ta’ servizz, dawn iridu jiżguraw li waħda mill-eċċezzjonijiet fl-Artikolu 9(2) tal-GDPR tkun applikabbli għalihom. Għandu jiġi enfasizzat li meta l-fornitur tas-servizz ma jkunx jista’ juri li tkun issodisfata waħda mid-derogi, tkun applikabbli l-projbizzjoni tal-Artikolu 9(1).

5.3 Interess pubbliku sostanzjali

56. Is-servizzi ta’ pagamenti jistgħu jipproċessaw *data* personali ta’ kategoriji speċjali għal raġunijiet ta’ interess pubbliku sostanzjali, iżda biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 9(2)(g) tal-GDPR. Dan ifisser li l-iproċessar tal-kategoriji speċjali ta’ *data* personali għandu jiġi indirizzat f’deroga speċifika għall-Artikolu 9(1) tal-GDPR fil-liġi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri. Din id-dispożizzjoni se jkollha tindirizza l-proporzjonalità fir-rigward tal-għan segwit tal-iproċessar u se jkun fiha miżuri xierqa u speċifiċi biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali u l-interessi tas-suġġett tad-*data*. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni skont il-liġi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri se jkollha tirrispetta l-essenza tad-dritt għall-protezzjoni tad-*data*. Fl-aħħar nett, l-iproċessar tal-kategoriji speċjali ta’ *data* jrid jintwera wkoll li huwa meħtieġ għal raġuni ta’ interess pubbliku sostanzjali, inklużi interessi ta’ importanza sistemika. Huwa biss meta dawn il-kundizzjonijiet kollha jiġu ssodisfati bis-sħiħ, li din id-deroga tista’ ssir applikabbli għal tipi speċifikati ta’ servizzi ta’ pagamenti.

5.4 Kunsens espliċitu

57. F’każijiet fejn ma tapplikax id-deroga tal-Artikolu 9(2)(g) tal-GDPR, il-kisba ta’ kunsens espliċitu f’konformità mal-kundizzjonijiet għal kunsens validu fil-GDPR, tidher li tibqa’ l-unika deroga legali possibbli biex jiġu pproċessati kategoriji speċjali ta’ *data* personali mit-TPPs. Il-Linji Gwida 05/2020 tal-EDPB dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679 jgħidu³³ li: “l-Artikolu 9(2) ma jirrikonoxxix “meħtieġ għat-twettiq ta’ kuntratt” bħala eċċezzjoni għall-projbizzjoni ġenerali fuq l-iproċessar

³³ Il-Linji Gwida 05/2020 dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679, EDPB, paragrafu 99

ta' kategoriji speċjali ta' *data*. Għalhekk, il-kontrolluri u l-Istati Membri li jsibu din is-sitwazzjoni għandhom jesploraw l-eċċezzjonijiet speċifiċi fl-Artikolu 9(2), is-subparagrafi (b) sa (j). Meta l-fornituri tas-servizzi jiddependu mill-Artikolu 9(2)(a) tal-GDPR, dawn iridu jiżguraw li jkunu ngħataw kunsens espliċitu qabel ma jibdew l-ipproċessar." Il-kunsens espliċitu kif stabbilit fl-Artikolu 9(2)(a) tal-GDPR irid jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-GDPR.

5.5 L-ebda deroga xierqa

58. Kif ġie nnutat hawn fuq, fejn il-fornitur ta' servizz ma jkunx jista' juri li għet issodisfata waħda mid-derogi, tapplika l-projbizzjoni tal-Artikolu 9(1). F'dan il-każ jistgħu jiġu stabbiliti miżuri tekniċi biex jipprevjenu l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali, pereżempju billi jipprevjenu l-ipproċessar ta' ċerti punti ta' *data*. F'dan ir-rigward, il-fornituri ta' servizz ta' pagamenti jistgħu jesploraw il-possibbiltajiet tekniċi biex jeskludu kategoriji speċjali ta' *data* personali u jippermettu aċċess magħżul li jipprevjeni l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali relatata ma' partijiet siekta mit-TPPs.

6 IL-MINIMIZZAZZJONI TAD-DATA, IS-SIGURTÀ, IT-TRASPARENZA, L- AKKONTABBILTÀ U T-TFASSIL TA' PROFILI

6.1 Il-minimizzazzjoni tad-*data* u l-protezzjoni ta' *data* mid-disinn u b'mod prestabbilit

59. Il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data* huwa stabbilit fl-Artikolu 5(1)(c) tal-GDPR: “Id-*data* personali għandha tkun [...] adegwata, rilevanti u limitata għal dak li hu meħtieġ b'rabta mal-finijiet li għalihom tkun qed tiġi pproċessata”. Essenzjalment, skont il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data*, il-kontrolluri ma għandhomx jipproċessaw aktar *data* personali minn dak li huwa meħtieġ sabiex jiksbu l-għan speċifiku inkwistjoni. Kif indikat fil-Kapitolu 2, l-ammont u t-tip ta' *data* personali meħtieġa biex jiġi pprovdut is-servizz ta' pagamenti jiġu ddeterminati mill-oġettiv u l-iskop kuntrattwali li jinftiehem b'mod reċiproku³⁴. Il-minimizzazzjoni tad-*data* hija applikabbli għal kull ipproċessar (eż. kull għbir ta' *data* personali jew aċċess u talba għaliha). Il-Linji Gwida 4/2019 tal-EDPB dwar l-Artikolu 25 Il-Protezzjoni tad-*Data* mid-Disinn u b'mod Prestabbilit (DPbDD), jiddikjaraw li “l-proċessuri u l-fornituri tat-teknoloġija huma wkoll rikonoxxuti bħala faċilitaturi ewlenin għad-DPbDD, dawn għandhom ikunu konxji wkoll li l-kontrolluri huma meħtieġa jipproċessaw biss *data* personali b'sistemi u teknoloġiji li għandhom protezzjoni tad-*data* inkorporata³⁵.”
60. L-Artikolu 25 tal-GDPR fih l-obbligi li tiġi applikata l-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod prestabbilit. Dawn l-obbligi huma ta' importanza partikolari għall-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data*. Dan l-Artikolu jistipula li l-kontrolluri għandhom, kemm fiż-żmien tad-determinazzjoni tal-mezzi għall-ipproċessar kif ukoll fiż-żmien tal-ipproċessar innifsu, jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa, li huma mfassla biex jimplimentaw il-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* b'mod effettiv u biex jintegraw is-salvagwardji meħtieġa fl-ipproċessar sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-GDPR u jipproteġu d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*. Il-kontrollur għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżgura li, b'mod awtomatiku, tiġi pproċessata biss *data* personali li hija meħtieġa għal kull għan speċifiku tal-ipproċessar. Dak l-obbligu japplika għall-ammont ta' *data* personali miġbura, il-livell ta' pproċessar tagħha, il-perjodu tal-ħażna tagħha u l-aċċessibbiltà tagħha. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu kriptaġġ, psewdonimizzazzjoni u miżuri tekniċi oħrajn.
61. Meta jiġi applikat l-obbligu tal-Artikolu 25 tal-GDPR, l-oġġla livell ta' żvilupp tekniku, il-kost tal-implimentazzjoni u n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni, il-kuntest u l-iskopijiet tal-ipproċessar kif ukoll ir-riskji ta' probabbiltà u severità li jvarjaw għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi ppreżentati mill-ipproċessar huma l-elementi li jridu jitqiesu. Kjarifiki ulterjuri dwar dan l-obbligu jingħataw fil-Linji Gwida 4/2019 tal-EDPB imsemmija hawn fuq dwar l-Artikolu 25 Il-Protezzjoni tad-*Data* mid-Disinn u b'mod Awtomatiku.

6.2 Miżuri ta' minimizzazzjoni tad-*data*

62. It-TPP li jaċċessa d-*data* tal-kont ta' pagament sabiex jipprovdi s-servizzi mitluba jrid iqis ukoll il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data* u jrid jiġbor biss id-*data* personali meħtieġa biex jipprovdi s-servizzi ta' pagamenti speċifiċi mitluba mill-utent ta' servizz ta' pagamenti. Bħala prinċipju, l-aċċess għad-*data* personali għandu jkun limitat għal dak li huwa meħtieġ għall-forniment ta' servizzi ta'

³⁴ Il-Linji Gwida 2/2019 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali skont l-Artikolu 6(1)(b) GDPR fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi online lis-suġġetti tad-*data*, EDPB, paragrafu 32

³⁵ Il-Linji Gwida 4/2019 dwar l-Artikolu 25 Il-Protezzjoni tad-*Data* mid-Disinn u b'mod Prestabbilit, paġna 29.

pagamenti. Kif intwera fil-Kapitolu 2, il-PSD2 tirrikjedi li l-ASPSPs jikkondividu informazzjoni dwar l-utent ta' servizz ta' pagamenti fuq talba tal-utent ta' servizz ta' pagamenti, meta l-utent ta' servizz ta' pagamenti ikun jixtieq juża servizz ta' bidu ta' pagament jew servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet.

63. Meta ma tkunx meħtieġa *d-data* kollha tal-kont ta' pagament għall-forniment tal-kuntratt, għandha ssir għażla tal-kategoriji rilevanti tad-*data* mill-AISP qabel ma tinġabar id-*data*. Pereżempju, il-kategoriji tad-*data* li jistgħu ma jkunux meħtieġa jistgħu jinkludu l-identità tal-parti siekta u l-karatteristiċi tat-tranżazzjoni. Barra minn hekk, sakemm ma jkunx meħtieġ mil-liġi tal-Istat Membru jew tal-UE, l-IBAN tal-kont bankarju tal-parti siekta jista' ma jkollux għalfejn jintwera.
64. F'dan ir-rigward, tista' tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni possibbli ta' miżuri tekniċi li jippermettu jew jappoġġjaw lil TPPs fl-obbligu tagħhom li jaċċessaw u jiksbu biss id-*data* personali meħtieġa għall-forniment tas-servizzi tagħhom, bħala parti mill-implimentazzjoni ta' politiki xierqa dwar il-protezzjoni tad-*data*, f'konformità mal-Artikolu 24(2) tal-GDPR. F'dan ir-rigward, l-EDPB jirrakkomanda l-użu ta' għodod diġitali sabiex l-AISPs jiġu appoġġjati fl-obbligu tagħhom li jiġbru biss *data* personali li hija meħtieġa għall-iskopijiet li għalihom jiġu pproċessati. Pereżempju, meta fornitur ta' servizz ma jkollux bżonn il-karatteristiċi tat-tranżazzjoni (fil-kaxxa tad-deskrizzjoni tar-rekords tat-tranżazzjonijiet) għall-forniment tas-servizz tiegħu, għodda ta' għażla diġitali tista' tiffunzjona bħala mezz biex it-TPPs jeskludu din il-kaxxa mill-operazzjonijiet kumplessivi tal-ipproċessar mit-TPP.

Eżempju 2:

HappyPayments, il-fornitur tas-Servizz ta' Informazzjoni dwar il-Kontijiet tagħna mill-eżempju 1, irid jiżgura li jipproċessa biss id-*data* tal-kont ta' pagament personali li l-utenti tiegħu huma interessati fih. Li jinkiseb aċċess għal aktar *data* dwar il-kontijiet ta' pagament ma jkunx meħtieġ għall-forniment tas-servizz. Għalhekk, jippermetti lill-utenti jagħżlu t-tipi speċifiċi ta' informazzjoni li huma interessati fihom.

L-Utent A jrid farsa ġenerali lejn l-infiq tiegħu għall-aħħar xahrejn. Għalhekk, jitlob biex iż-żewġ kontijiet bankarji tiegħu, miżmuma ma' żewġ ASPSPs differenti, l-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet kollha tal-aħħar xahrejn, l-ammont tat-tranżazzjonijiet, id-*data* tal-eżekuzzjoni u l-isem tar-riċevitur, u jimmarka l-kaxxa korrispondenti fl-interfaċċa tal-utent ta' HappyPayments.

HappyPayments imbagħad jibda jitlob mill-ASPSPs rispettivi l-informazzjoni li tikkorrispondi għas-sezzjonijiet stabbiliti mill-Utent A biss u għall-perjodu tal-aħħar xahrejn biss. Informazzjoni bħall-“komunikazzjoni” tat-trasferiment jew saħansitra l-IBAN ma tintalabx, peress li l-Utent A ma talabx din l-informazzjoni.

Sabiex jippermettu lil HappyPayments jikkonforma mal-obbligi ta' minimizzazzjoni tad-*data* tiegħu, l-ASPSPs jippermettu lil HappyPayments jitlob kaxxa speċifiċi għal firxa ta' dati.

65. Għandu jiġi nnutat ukoll f'dan ir-rigward li skont il-PSD2, l-ASPSPs jitħallew jipprovdu aċċess biss għal informazzjoni dwar il-kontijiet ta' pagament. Ma hemm l-ebda bażi ġuridika skont il-PSD2 biex jiġi pprovdut aċċess fir-rigward tad-*data* personali li tinsab f'kontijiet oħrajn, bħal kontijiet ta' tfaddil, ipoteki jew ta' investiment. Għaldaqstant, skont il-PSD2, għandhom jiġu implimentati miżuri tekniċi biex jiġi żgurat li l-aċċess ikun limitat għall-informazzjoni meħtieġa dwar il-kontijiet ta' pagament.
66. Minbarra li jiġbor l-anqas *data* possibbli, il-fornitur tas-servizz irid jimplimenta wkoll perjodi limitati ta' żamma. Id-*data* personali ma għandhiex tinħażen mill-fornitur ta' servizz għal perjodu itwal milli jkun meħtieġ fir-rigward tal-għanijiet mitluba mill-utent ta' servizz ta' pagamenti.

67. Jekk il-kuntratt bejn is-suġġett tad-*data* u l-AISP ikun jirrikjedi t-trażmissjoni ta' *data* personali lil partijiet terzi, tista' tiġi trażmessa biss dik id-*data* personali li tkun meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Is-suġġetti tad-*data* għandhom jiġu infurmati wkoll b'mod speċifiku dwar it-trażmissjoni u d-*data* personali li se tiġi trażmessa lil din il-parti terza.

6.3 Sigurtà

68. L-EDPB diġà enfasizza li l-ksur ta' *data* personali finanzjarja "*jinvolti b'mod ċar impatti serji fil-ħajja ta' kuljum tas-suġġett tad-data*" u jikkwota r-riskji ta' frodi ta' pagamenti bħala eżempju³⁶.

69. Meta ksur tad-*data* jinvolti *data* finanzjarja, is-suġġett tad-*data* jista' jkun espost għal riskji konsiderevoli. Skont l-informazzjoni li tkun inkixfet, is-suġġetti tad-*data* jistgħu jiġu esposti għal riskju ta' serq tal-identità, ta' serq tal-fondi fil-kontijiet tagħhom u assi oħrajn. Barra minn hekk, hemm il-possibbiltà li l-esponiment tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet huwa relatat ma' riskji konsiderevoli għall-privatezza, peress li d-*data* dwar it-tranżazzjonijiet jista' jkun fiha referenzi għall-aspetti kollha tal-ħajja privata ta' suġġett tad-*data*. Fl-istess ħin, id-*data* finanzjarja hija ovvjament siewja għall-kriminali u għalhekk mira attraenti.

70. Bħala kontrolluri, il-fornituri ta' servizz ta' pagamenti huma obbligati jieħdu miżuri adegwati biex jiproteġu d-*data* personali tas-suġġetti tad-*data* (l-Artikolu 24(1) tal-GDPR). Aktar ma jkunu għoljin ir-riskji assoċjati mal-attività ta' pproċessar imwettqa mill-kontrollur, aktar ikunu għoljin l-istandards ta' sigurtà li jeħtieġ li jiġu applikati. Peress li l-ipproċessar tad-*data* finanzjarja huwa marbut ma' varjetà ta' riskji serji, il-miżuri ta' sigurtà għandhom ikunu għoljin kif xieraq.

71. Il-fornituri ta' servizz għandu jkollhom standards għoljin, inklużi mekkaniżmi ta' awtentikazzjoni b'saħħithom tal-konsumatur u standards għoljin ta' sigurtà għat-tagħmir tekniku³⁷. Proċeduri oħrajn, bħall-iskrutinju tal-proċessuri għal standards ta' sigurtà u proċeduri ta' implimentazzjoni kontra aċċess mhux awtorizzat, huma importanti wkoll.

6.4 Trasparenza u akkontabbiltà

72. It-trasparenza u l-akkontabbiltà huma żewġ prinċipji fundamentali tal-GDPR.

73. Fir-rigward tat-trasparenza (l-Artikolu 5(1)(a) tal-GDPR), l-Artikolu 12 tal-GDPR jispeċifika li l-kontrolluri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipprovdu kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikoli 13 u 14 tal-GDPR. Barra minn hekk, dan jirrikjedi li l-informazzjoni jew il-komunikazzjoni dwar l-ipproċessar ta' *data* personali jridu jkunu konċiżi, trasparenti, intelliġibbli u faċilment aċċessibbli. L-informazzjoni trid tkun b'lingwa ċara u sempliċi u bil-miktub "*jew b'mezzi oħrajn, inkluż fejn xieraq, b'mezzi elettroniċi*". Il-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 "*dwar it-trasparenza skont ir-Regolament 2016/679*", kif approvati mill-EDPB, joffru gwida speċifika għall-konformità mal-prinċipju tat-trasparenza fl-ambjenti diġitali.

74. Skont il-Linji Gwida dwar it-trasparenza msemmija hawn fuq skont ir-Regolament 2016/679, l-Artikolu 11 tal-GDPR għandu jiġi interpretat bħala mod kif tiġi infurzata l-minimizzazzjoni ġenwina tad-*data* mingħajr ma jiġi mfixkel l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*, u li l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* għandu jsir possibbli bl-għajjnuna ta' informazzjoni addizzjonali pprovduta mis-suġġett tad-*data*. Jista' jkun hemm sitwazzjonijiet li fihom kontrollur tad-*data* jipproċessa *data* personali li ma tkunx tirrikjedi l-identifikazzjoni tas-suġġett tad-*data* (pereżempju

³⁶ Il-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* (DPIA) li jiddeterminaw jekk l-ipproċessar "*x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli*" għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, WP248 rev.01 - approvati mill-EDPB.

³⁷ Ara l-RTS.

b'*data* psewdonimizzata). F'każijiet b'hal dawn, l-Artikolu 11.1 jista' jkun rilevanti wkoll peress li dan jgħid li kontrollur tad-*data* ma għandux ikun obligat iżomm, jikseb jew jipproċessa informazzjoni addizzjonali biex jidentifika lis-suġġett tad-*data* għall-finijiet ta' konformità mal-GDPR biss.

75. Għas-servizzi skont il-PSD2, l-Artikolu 13 tal-GDPR huwa applikabbli għad-*data* personali miġbura mis-suġġett tad-*data* u l-Artikolu 14 huwa applikabbli fejn id-*data* personali ma tkunx inkisbet mis-suġġett tad-*data*.
76. B'mod partikolari, is-suġġett tad-*data* għandu jiġi infurmat dwar il-perjodu li għalih se tinħażen id-*data* personali, jew jekk dan ma jkunx possibbli, il-kriterji użati biex jiġi ddeterminat dak il-perjodu, u fejn applikabbli, l-interessi leġittimi segwiti mill-kontrollur jew minn parti terza possibbli. Meta l-ipproċessar ikun ibbażat fuq kunsens kif imsemmi fl-Artikolu 6(1)(a) tal-GDPR jew kunsens espliċitu kif imsemmi fl-Artikolu 9(2)(a) tal-GDPR, is-suġġett tad-*data* għandu jiġi infurmat bl-eżistenza tad-dritt li jirtira l-kunsens fi kwalunkwe ħin.
77. Il-kontrollur għandu jipprovdi l-informazzjoni lis-suġġett tad-*data*, filwaqt li jqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi li fihom tiġi pproċessata d-*data* personali. Jekk id-*data* personali se tintuża għall-komunikazzjoni mas-suġġett tad-*data*³⁸, li probabbilment se jkun il-każ għall-AISPs, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta mhux aktar tard mill-ewwel komunikazzjoni lil dak is-suġġett tad-*data*. Jekk id-*data* personali għandha tiġi żvelata lil riċevitur ieħor, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta mhux aktar tard minn meta d-*data* personali tiġi żvelata għall-ewwel darba.
78. Fir-rigward tas-servizzi ta' pagamenti online, il-Linji Gwida msemija hawn fuq jiċċaraw li approċċ b'diversi livelli jista' jiġi segwit minn kontrolluri tad-*data* fejn jagħżlu li jużaw taħlita ta' metodi biex jiżguraw it-trasparenza. Huwa rrakkomandat b'mod partikolari li għandhom jintużaw stqarrijiet/l-avviżi ta' privatezza f'diversi livelli biex ikun hemm rabta mad-diversi kategoriji ta' informazzjoni li jridu jiġu pprovduti lis-suġġett tad-*data*, minflok ma tintwera l-informazzjoni kollha b'hal din f'avviż wieħed fuq skrin, sabiex tiġi evitata informazzjoni żejda, u fl-istess ħin tiġi żgurata l-effettività tal-informazzjoni.
79. Il-Linji Gwida msemija hawn fuq jiċċaraw ukoll li l-kontrolluri jistgħu jagħżlu li jużaw għodod addizzjonali biex jiprovdu informazzjoni lis-suġġett tad-*data* individwali, b'hal dashboards tal-privatezza. Dashboard tal-privatezza hija punt uniku li minnu s-suġġetti tad-*data* jkunu jistgħu jaraw "informazzjoni dwar il-privatezza" u jimmaniġġjaw il-preferenzi tal-privatezza tagħhom billi jippermettu jew jipprevjenu li d-*data* tagħhom tintuża b'ċerti modi mill-kontrollur inkwistjoni³⁹. Dashboard tal-privatezza tista' tipprovdi ħarsa ġenerali lejn it-TPPs li jkunu kisbu l-kunsens espliċitu tas-suġġetti tad-*data*, u tista' toffri wkoll informazzjoni rilevanti dwar in-natura u l-ammont ta' *data* personali li tkun ġiet aċċessata mit-TPPs. Fil-prinċipju, ASPSP jista' joffri lill-utent il-possibbiltà li jirtira kunsens espliċitu speċifiku tal-PSD2⁴⁰ permezz tal-ħarsa ġenerali, li tirriżulta f'ċaħda tal-aċċess għall-kontijiet ta' pagament tiegħu għal TPP wieħed jew aktar. L-utent jista' jitlob ukoll lil

³⁸ L-Artikolu 14(3)(b) tal-GDPR.

³⁹ Skont il-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar it-trasparenza skont ir-Regolament 2016/679 - approvati mill-EDPB, id-dashboards tal-privatezza huma partikolarment utli meta l-istess servizz jintuża mis-suġġetti tad-*data* fuq varjetà ta' apparati differenti peress li jagħtuhom aċċess għad-*data* personali tagħhom u kontroll fuqhom irrispettivament minn kif jużaw is-servizz. Li s-suġġetti tad-*data* jitħallew jirranġaw manwalment l-issettjar tal-privatezza tagħhom permezz ta' dashboard tal-privatezza jista' jagħmilha wkoll eħfef biex stqarrija/avviż ta' privatezza jiġi personalizzat billi jiġu riflessi biss it-tipi ta' ipproċessar li jseħħu għal dak is-suġġett tad-*data* partikolari.

⁴⁰ Ara pereżempju l-"kunsens espliċitu" msemmi fl-Artikolu 67(2)(a) tal-PSD2.

ASPSP biex jiċċad l-aċċess għall-kont(ijiet) ta' pagament tiegħu għal TPP partikolari wieħed jew aktar⁴¹, peress li huwa d-dritt tal-utent li juża jew li ma jużax servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet. Jekk id-dashboards tal-privatezza jintużaw sabiex jingħata jew jiġi rtirat kunsens espliċitu, dawn għandhom jitfasslu u jiġu applikati b'mod legali u b'mod partikolari jipprevjenu milli jinħolqu ostakli għad-dritt tat-TPPs li jipprovdu servizzi f'konformità mal-PSD2. F'dan ir-rigward u f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli skont il-PSD2, TPP għandu l-possibbiltà li jikseb kunsens espliċitu mill-utent mill-ġdid wara li dan il-kunsens ikun ġie rtirat.

80. Il-prinċipji ta' responsabbiltà jirrikjedu li l-kontrollur jistabbilixxi miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżgura u jkun jista' juri li l-ipproċessar jitwettaq f'konformità mal-GDPR, b'mod partikolari mal-prinċipji ewlenin tal-protezzjoni tad-*data* previsti fl-Artikolu 5(1). Dawk il-miżuri għandhom iqisu n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni, il-kuntest u l-iskopijiet tal-ipproċessar u r-riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi, u jridu jiġu riveduti u aġġornati meta jkun meħtieġ⁴².

6.5 It-tfassil ta' profili

81. L-ipproċessar ta' *data* personali mill-fornituri ta' servizz ta' pagamenti jista' jinvolti "tfassil ta' profili" kif imsemmi fl-Artikolu 4(4) tal-GDPR. Pereżempju, l-AISPs jistgħu jiddependu minn ipproċessar awtomatizzat ta' *data* personali sabiex jevalwaw ċerti aspetti personali relatati ma' persuna fiżika. Is-sitwazzjoni finanzjarja personali ta' suġġett tad-*data* tista' tiġi evalwata, skont l-ispeċifikitajiet tas-servizz. Is-servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet, li għandhom jiġu pprovduti kif mitlub mill-utenti, jistgħu jinvolvevalwazzjoni estensiva tad-*data* dwar il-kontijiet ta' pagament personali.

82. Il-kontrollur għandu jkun trasparenti wkoll għas-suġġett tad-*data* dwar l-eżistenza ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati, inkluż it-tfassil ta' profili. F'dawk il-każijiet, il-kontrollur għandu jipprovdi informazzjoni sinifikanti dwar il-loġika involuta, kif ukoll is-sinifikat u l-konsegwenzi previsti ta' tali pproċessar għas-suġġett tad-*data* (l-Artikolu 13(2)(f) u l-Artikolu 14(2)(g) u l-premessa 60)⁴³. Bl-istess mod, skont l-Artikolu 15 tal-GDPR is-suġġett tad-*data* għandu d-dritt li jitlob u jikseb informazzjoni mingħand il-kontrollur dwar l-eżistenza ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati, inkluż it-tfassil ta' profili, il-loġika involuta u l-konsegwenzi għas-suġġett tad-*data*, u, f'ċerti ċirkostanzi, dritt ta' oġġezzjoni għat-tfassil ta' profili, irrISPettivament minn jekk ikunx qed isir biss teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati bbażat fuq it-tfassil ta' profili⁴⁴.

83. Barra minn hekk, dak li huwa rilevanti wkoll f'dan il-kuntest huwa d-dritt tas-suġġett tad-*data* li ma jkunx soġġett għal deċiżjoni bbażata biss fuq ipproċessar awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta' profili, li jipproduċi effetti ġuridiċi li jikkonċernaw lilu jew lilha jew li jaffettwawh(a) similarment b'mod sinifikanti, previsti mill-Artikolu 22 tal-GDPR. Din in-norma tinkludi wkoll, f'ċerti ċirkostanzi, il-ħtieġa li l-kontrolluri tad-*data* jimplimentaw miżuri xierqa biex jissalvagwardjaw id-drittijiet tas-suġġett tad-*data*, bħal informazzjoni speċifika lis-suġġett tad-*data*, id-dritt li jinkiseb intervent uman fit-teħid tad-deċiżjonijiet u li jesprimi jew tesprimi l-fehma tiegħu jew tagħha u jikkontesta jew tikkontesta d-deċiżjoni. Kif iddikjarat ukoll fil-premessa 71 tal-GDPR dan ifisser, fost l-oħrajn, li s-suġġetti tad-*data* għandhom id-dritt li ma jkunux soġġetti għal deċiżjoni, bħal rifjut awtomatiku ta' applikazzjoni ta' kreditu online mingħajr ebda intervent uman⁴⁵.

⁴¹ Ara wkoll il-paragrafu 45 tal-EBA/PO/2020/10

⁴² L-Artikolu 5(2) u l-Artikolu 24 tal-GDPR.

⁴³ Il-Linji Gwida dwar it-trasparenza skont ir-Regolament 2016/679, WP 260 rev.01 - approvati mill-EDPB

⁴⁴ Il-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar it-Teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati u t-Tfassil ta' profili għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, WP251rev.01

⁴⁵ Il-Premessa 71 tal-GDPR.

84. It-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati li jinkludi tfassil ta' profili li jinvolvi kategoriji speċjali ta' *data* personali huwa permess biss taħt l-kundizzjonijiet kumulattivi tal-Artikolu 22(4) tal-GDPR:

- teżisti eżenzjoni applikabbli għall-Artikolu 22(2);
- u japplika l-paragrafu (a) jew (g) tal-Artikolu 9(2) tal-GDPR. Fiż-żewġ każijiet, il-kontrollur għandu jstabbilixxi miżuri xierqa biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet, il-libertajiet u l-interessi leġittimi tas-suġġett tad-*data*⁴⁶.

85. Ir-rekwiżiti għal aktar ipproċessar, kif iddikjarat f'dawn il-linji gwida, għandhom jiġu osservati wkoll. Il-kjarifiki u l-istruzzjonijiet dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati u t-tfassil ta' profili mogħtija mil-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma 29 dwar it-Teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati u t-Tfassil ta' profili għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, kif approvati mill-EDPB, huma rilevanti bis-sħiħ fil-kuntest tas-servizzi ta' pagamenti u għalhekk għandhom jitqiesu kif xieraq.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)

⁴⁶ Il-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar it-Teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati individwali u t-Tfassil ta' profili għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, WP251rev.01, paġna 24.